IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 26.3.2013
COM(2013) 142 final/2

2013/0077 (NLE)

Corrigendum:
Annule et remplace le document COM(2013) 142 du vendredi 22 mars. Concerne uniquement la version maltaise (titre sur la page de couverture en anglais au lieu du maltais).

Proposta għal

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jimplimentaw ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. SFOND

Il-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern (GPA)[1] huwa attwalment l-uniku ftehim li jorbot legalment fid-WTO dwar is-suġġett ta' akkwist pubbliku mill-gvern. Fil-verżjoni preżenti tagħha kien innegozjat b'mod parallel mal-Uruguay Round fl-1994, u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 1996 (ll-"GPA tal-1994").

Il-Partijiet tal-GPA tal-1994 huma: L-Armenja, il-Kanada, l-Unjoni Ewropea fir-rigward tas-27 Stat Membru tagħha, Ħong Kong-Ċina, l-Islanda, l-Israel, il-Ġappun, il-Korea, il-Liechtenstein, il-Pajjiżi l-Baxxi fir-rigward ta' Aruba, in-Norveġja, Singapor, l-Isvizzera, it-Tajpej Ċiniża, l-Istati Uniti. Il-GPA huwa amministrat mill-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern (minn hawn 'il quddiem il-"Kumitat").

Il-GPA tal-1994 fih impenn intrinsiku għan-negozjati dwar kemm it-test kif ukoll il-kopertura tal-Ftehim mill-adozzjoni tiegħu fl-1994 (l-Artikolu XXIV:7(b)). Negozjati għal dan il-għan ġew imnedija fl-1999.

In-negozjati ġew imexxija mill-Kummissjoni f'isem l-UE. Il-Kunsill kien regolarment mgħarraf verbalment u bil-miktub dwar is-sitwazzjoni attwali tan-negozjati permezz tal-Kumitat tal-Politika Kummerċjali. Barra minn hekk, laqgħat ta' koordinazzjoni mal-Istati Membri kienu miżmuma qabel kull sessjoni ta' negozjati f'Ġinevra. Il-Parlament Ewropew ġie infurmat b'mod regolari bil-miktub permezz tal-Kumitat INTA.

Fit-30 ta' Marzu 2012 in-negozjaturi addottaw Deċiżjoni dwar ir-Riżultati tan-Negozjati li biha addottaw l-elementi tar-riżultati tan-negozjati ("Deċiżjoni dwar ir-Riżultati tan-Negozjati") magħmula minn: i) il-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern (minn hawn 'il quddiem il-"Protokoll") u ii) is-seba' Deċiżjonijiet (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjonijiet") tal-Kumitat. Permezz tad-Deċiżjoni dwar ir-Riżultati tan-Negozjati, il-Partijiet tal-GPA adottaw il-Protokoll u fetħuh għal aċċettazzjoni mill-Partijiet tal-GPA tal-1994. Il-Protokoll se jidħol fis-seħħ għal dawk il-Partijiet tal-GPA tal-1994 li ddepożitaw l-istrumenti rispettivi tagħhom ta' aċċettazzjoni ta' dan il-Protokoll, fit-30 jum li jsegwi t-tali depożitu minn żewġ terzi tal-Partijiet tal-GPA tal-1994. Barra minn hekk, id-Deċiżjoni dwar ir-Riżultati tan-Negozjati tistipula d-Deċiżjonijiet tal-Kumitat li jistabbilixxu programmi ta' ħidma tal-ġejjieni tal-Kumitat u li jiddeskrivi fid-dettall r-rekwiżiti ta' notifika skont l-Artikoli XIX u XXII tal-Ftehim.

Id-Deċiżjonijiet huma parti mill-pakkett innegozjat u jirriflettu l-impenn tal-Partijiet tal-GPA biex jibdew jimplimentaw ċerti dispożizzjonijiet tal-GPA rivedut, malli l-Protokoll jidħol fis-seħħ.

Fid-dawl tas-sostanza tagħhom ma kienx ikkunsidrat xieraq li jinkludu d-Deċiżjonijiet fil-Protokoll innifsu, biex b'hekk jissoġġettawhom għall-istess proċeduri tal-amendi Lanqas kien possibbli li jaddottawhom qabel id-dħul fis-seħħ tad-dispożizzjonijiet tal-Protokoll li jkunu qed jimplimentaw. Il-partijiet tal-GPA għalhekk laħqu ftehim dwar is-sostanza tad-Deċiżjonijiet, li jkunu jridu jingħataw effett fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat wara d-dħul fis-seħħ

[1] Il-Ġurnal Uffiċjali J C 256, 3.9. 1996, p. 1

tal-Protokoll, meta l-Kumitat jieħu deċiżjoni li tikkonferma l-impenn politiku biex jadotta d-deċiżjonijiet b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll.

Billi kemm il-Protokoll kif ukoll dawn id-Deċiżjonijiet huma s-suġġett tal-ftehim politiku adottat f'Marzu 2012, dawn jiffurmaw parti mill-istess pakkett għall-iskop tar-ratifika tal-UE tar-reviżjoni tal-GPA. Billi l-Unjoni se tkun meħtieġa biex tieħu pożizzjoni rigward id-Deċiżjonijiet fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll, id-Deċiżjonijiet huma soġġetti għal proċedura interna differenti mill-Protokoll biex jittieħdu deċiżjonijiet. Għalhekk Deċiżjoni tal-Kunsill separata hija meħtieġa fir-rigward tad-Deċiżjonijiet, minbarra dik li tikkonċerna l-konklużjoni tal-Protokoll

Jekk il-Kunsill, wara li jikseb il-kunsens tal-Parlament Ewropew, jaddotta deċiżjoni biex jikonkludi l-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern f'isem l-Unjoni Ewropea, l-Unjoni għandha tkun f'pożizzjoni li tieħu pożizzjoni fir-rigward tad-Deċiżjonijiet fi ħdan il-Kumitat.

## 2. IR-RIŻULTAT TAN-NEGOZJATI

Id-deċiżżjonijiet li għandhom jiġu addottati huma dawn li ġejjin:

i) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar ir-rekwiżiti tan-Notifika skont l-aArtikoli XIX u XXII tal-Ftehim: hi timmira li tiffaċilita rekwiżiti ta' notifika, billi tikkjarifika l-modalitajiet ta' notifika minn Parti fir-rigward tat-tibdiliet għal-liġijiet u r-regolamenti tagħha u l-lista tal-entitajiet tagħha.

ii) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar l-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma: tidentifika xi programmi ta' ħidma speċifiċi li fuqhom il-Partijiet jintrabtu li jwettqu xogħol fil-ġejjieni.

iii) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar Programm ta' Ħidma fuq l-SMEs: tistabbilixxi programm ta' ħidma fuq l-SMEs, bil-għan li tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-SMEs fl-akkwisti pubbliku mill-gvern, l-evitar ta' miżuri diskriminatorji tal-SMEs u li tiżdied it-trasparenza.

iv) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar programm ta' ħidma dwar il-ġbir u r-rappurtar ta' dejta tal-istatistika: għandha l-għan li tiffaċilita l-konformità mal-obbligu li tinġabar dejta tal-istatistika.

v) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar programm ta' ħidma dwar l-akkwist pubbliku sostenibbli: tistabbilixxi programm ta' ħidma mmirat li jiżgura li l-politiki ta' akkwist pubbliku sostenibbli huma kompatibbli mal-prinċipji ta' nondiskriminazzjoni u trasparenza.

vi) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar programm ta' ħidma dwar l-esklużjonijiet u r-restrizzjoni fl-Annessi tal-partijiet: tadotta programm ta' ħidma bil-għan li progressivament jitnaqqsu l-esklużjonijiet u r-restrizzjonijiet li l-Partijiet ikunu prevedew fl-Annessi tagħhom.

vii) Id-Deċiżjoni dwar programm ta' ħidma dwar l-istandards tas-sikurezza: tadotta programm ta' ħidma mmirata sabiex jiġi żgurat li t-tħassib tas-sigurtà pubblika huwa applikat b'mod li ma joħolqux diskriminazzjoni arbitrarja u mhux ġustifikata jew restrizzjonijiet moħbija.

Safejn dawn jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-GPA u jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni ta' prassi diskriminatorji, l-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet se toħloq ambjent favorevoli għal aktar ftuħ ta' akkwist pubbliku mill-gvern.

2013/0077 (NLE)

Proposta għal

**DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**

**li tistabbilixxi l-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern fir-rigward ta' deċiżjonijiet li jimplimentaw ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 207(4), flimkien mal-Artikolu 218(9), tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) In-negozjati dwar ir-reviżjoni tal-Ftehim tad-WTO dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern (GPA) ġew imnedija f'Jannar 1999, ibbażati fuq impenn intrinsiku tal-Artikolu XXIV:7(b) tal-GPA.

(2) In-negozjati tmexxew mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 207 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea.

(3) Fil-kuntest ta' dawn in-negozjati, fit-30 ta' Marzu 2012 in-negozjaturi laħqu ftehim dwar Protokoll li Jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern ("il-Protokoll") kif ukoll dwar seba' deċiżjonijiet li għandhom jiġu adottati mill-Kumitat dwar l-akkwist pubbliku mill-Gvern li jibdew l-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-Protokoll immedjatament mad-dħul fis-seħħ tagħhom. Dawn huma dawn li ġejjin: i) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar ir-rekwiżiti ta' notifika skont l-Artikolu XIX u XXII tal-Ftehim; ii) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-akkwist pubbliku mill-Gvern dwar l-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma; iii) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-akkwist pubbliku mill-Gvern dwar programm ta' Ħidma fuq l-SMEs; iv) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar programm ta' ħidma dwar il-ġbir u r-rappurtar ta' dejta tal-istatistika; v) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar programm ta' ħidma dwar l-akkwist pubbliku sostenibbli; vi) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar programm ta' ħidma dwar l-esklużjonijiet u r-restrizzjoni fl-Annessi tal-partijiet; vii) Id-Deċiżjoni dwar programm ta' ħidma dwar l-istandards tas-sikurezza; (minn hawn 'il quddiem "id-Deċiżjonijiet").

(4) Il-ftehim milħuq fit-30 ta' Marzu 2012 għandu jingħata effett fl-ewwel laqgħa tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern wara d-dħul fis-seħħ tal-Protokoll. F'dik il-laqgħa l-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern se jieħu deċiżjoni li tikkonferma l-adozzjoni ta' dawn is-seba' Deċiżjonijiet u d-dħul tagħhom fis-seħħ mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll.

(5) Safejn id-Deċiżjonijiet jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-prinċipji tal-Ftehim dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern bħala riveduti u jikkontribwixxu għall-eliminazzjoni ta' prassi diskriminatorji, l-adozzjoni tad-Deċiżjonijiet se tiffaċilita aktar ftuħ ta' akkwist pubbliku mill-gvern.

(6) Huwa xieraq, għalhekk, li tiġi stabbilita l-pożizzjoni li trid tittieħed mill-Kummissjoni f'isem l-Unjoni fi ħdan il-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern fir-rigward tad-Deċiżjonijiet.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-pożizzjoni li għandha tittieħed mill-Unjoni Ewropea fi ħdan il-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern huwa li jikkonferma l-adozzjoni ta' dan li ġej: i) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar ir-rekwiżiti ta' notifika skont l-Artikolu XIX u XXII tal-Ftehim; ii) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar l-adozzjoni ta' programmi ta' ħidma; iii) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-akkwist pubbliku mill-Gvern dwar programm ta' Ħidma fuq l-SMEs; iv) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar programm ta' ħidma dwar il-ġbir u r-rappurtar ta' dejta tal-istatistika; v) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar programm ta' ħidma dwar l-akkwist pubbliku sostenibbli; vi) Id-Deċiżjoni tal-Kumitat dwar l-Akkwist Pubbliku mill-Gvern dwar programm ta' ħidma dwar l-esklużjonijiet u r-restrizzjoni fl-Annessi tal-partijiet; vii) Id-Deċiżjoni dwar programm ta' ħidma dwar l-istandards tas-sikurezza; u taqbel li d-dħul tagħhom fis-seħħ mid-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll li jemenda l-Ftehim dwar l-Akkwisti Pubbliku mill-Gvern.

Din il-pożizzjoni għandha tiġi espressa mill-Kummissjoni.

It-test tad-Deċiżjonijiet huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*
*Il-President*